**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 28 ta' Lulju 2017**

**Appell Nru: 399/2016**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Baskal Saliba**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Baskal Saliba, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 38155G akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> nhar is-07 ta' Ottubru 2007, ġewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq Għajn Qatet, Vittorija, Għawdex;
>
> > a) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Sammy Spiteri;

b) U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor;

c) U aktar talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi ddepożita jew uża xi crane jew makkinarju ieħor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini, jew proġett ieħor simili, fi Triq Għajn Qatet, Rabat, Għawdex u dan id-depożitu sar mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-19 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat in-Nota ta' Rinviju għal Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat 9 ta' Frar 2010 u senjatament Artikoli 225(1) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti numri 2, 3, 8, 13(3)(10)(ii) tal-Avviż Legali 119 tal-2002 u tar-Regolamenti 1 u 2 tal-Avviż Legali 37 tal-2004 maħruġa taħt l-Att XXVII tal-2001 u taħt il-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż kif debitament emendat bl-Att XXI tal-1999, iddikjarat it-tielet imputazzjoni estinta minħabba l-preskrizzjoni u sabet lill-imputat Baskal Saliba ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet u kkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija effettiva.

Finalment wara li l-Qorti rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf, tmien mija u disgħa u għoxrin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,829.32) in konnessjoni mal-ispejjeż peritali.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Baskal Saliba ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Awwissu, 2016, li ssostitwixxa dak preżentat fit-28 ta' Lulju 2016, fejn talab lil din il-Qorti tibdel u tvarja s-sentenza appellata billi: filwaqt li tikkonferma s-sentenza f'dik il-parti fejn it-tielet imputazzjoni ġiet dikjarata estinta; tirrevoka l-istess sentenza appellata f'dik il-parti

fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet billi tiddikjarah mhux ħati u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena; u rigwardanti l-piena, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena u tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skont il-każ.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati tagħhom.

**5.** Il-fatti allegati tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

**6.** L-imputat appellant kien jaħdem fil-kostruzzjoni u fis-6 ta' Ottubru 2007 rama crane fi Triq Għajn Qatet fir-Rabat, Għawdex u dan mingħajr ma l-ewwel ottjena l-permessi neċessarja għal daqshekk. Ftit siegħat wara, u ċioe' fl-4.04 am ta' 'l għada 7 ta' Ottubru, għaddiet mill-istess triq vettura Mitsubishi Lancer bin-numru EAW-599 misjuqa minn Sammy Spiteri. Il-vettura ħabtet b'ċerta veloċita' mal-crane imsemmi u bl-impatt il-crane żbilanċja ruħu u nqaleb fuq il-ġenb tal-lemin tiegħu. Numru ta' blokki tal-concrete li kienu qed iservu ta' kontro-piż inqalbu wkoll u sfrondaw is-saqaf tal-vettura msemmija. Bħala konsegwenza Sammy Spiteri li kien fis-seat tad-driver tilef ħajtu. Minn eżamijiet li saru rriżulta li l-livell ta' alkoħol fid-demm tal-mejjet kien fil-limiti legali u rriżulta wkoll li fid-demm kien hemm 2.7 ml/l tas-sustanza MDMA magħrufa bħala *ecstasy*.

**7.** L-aggravju tal-appellant Baskal Saliba huwa sostanzjalment wieħed konsistenti fl-ilment li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant gie misjub ħati, u li leġittimament u raġjonevolment huwa ma setax jinstab ħati tal-imputazzjonijiet li tagħhom gie dikjarat kolpevoli.

Konsiderazzjonijiet oħra magħmula mill-appellant b'rifless fuq dan l-aggravju prinċipali jikkonsistu filli jallega li l-incident seħħ unikament u esklussivament tort ta' Sammy Spiteri li allegatament bl-eghmil illegali tiegħu stess, poġġa lilu innifsu taħt "*a self inflicted incapacity*" li jevita li joħloq inċident, u li "fl-agħar ipotesi għall-appellant, il-vittma Sammy Spiteri kkontribwixxa għall-inċident, b'dan li kien hemm negliġenza kontributorja. L-appellant iżid li kważi l-provi kollha, kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża, u ċerti aspetti kruċjali għall-każ in kwistjoni ġew kompletament injorati bir-riżultat li s-sentenza hija waħda *unsafe and unsatisfactory* u ma hijiex imsejsa fuq l-prinċipji kardinali tal-proċess penali.

**8.** Mingħajr preġudizzju għas-sottomissjonijiet tiegħu fuq il-mertu l-appellant jilmenta wkoll mill-piena.

**9.** Għalhekk, minkejja xi aċċenni ta' natura legali, l-aggravju ewlieni tal-appellant in kwantu għas-sejbien ta' ħtija jirrigwarda l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni. Dwar din ix-xorta ta' aggravju il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**10.** Il-kompitu ta' din il-Qorti għalhekk jikkonsisti filli teżamina akkuratament il-provi prodotti u fid-dawl tas-sottomissjonijiet li sarulha u tal-konsiderazzonijiet ta' natura legali li jistgħu jkunu jagħmlu għall-każ tiddetermina jekk il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti u s-sejbien ta' ħtija li hija rriskontrat fl-imputat appellant humiex tant irraġonevoli li fl-interess tal-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja jkun neċessarju li din il-Qorti

tinterferixxi fl-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti biex tirribalta l-konklużjonijiet u sejbien ta' ħtija tal-ewwel Qorti.

**11.** Jiġi rilevat mill-ewwel li l-appell jirrigwarda biss id-dikjarazzjoni ta' ħtija tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet peress li t-tielet imputazzjoni ġiet dikjarata mill-ewwel Qorti estinta u ma sar ebda appell minn din il-parti tas-sentenza li konsegwentement għaddiet in ġudikat u għalhekk ma hemm xejn iżjed x'jingħad dwarha.

**12.** Iż-żewġ imputazzjonijiet li trid tiddeċiedi dwarhom din il-Qorti huma għalhekk dik ta' omiċidju involonjtarju u dik ta' ħsara involontarja.

**13.** L-ewwel kunsiderazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti hi li ma kien hemm ebda xhieda okulari tal-inċident u li l-provi disponibbli u prodotti quddiem il-Qorti u li jiswew sabiex minnhom wieħed ikun jista' jasal għall-konklużjonijiet dwar il-ħtija o meno tal-appellant huma kollha provi materjali li dwarhom ġew maħtura esperti tekniċi sabiex permezz tal-perizja tagħhom jassistu lill-Qorti tistabilixxi iċ-ċirkostanzi u d-dinamika tal-inċident. Għalhekk ir-riliev li jagħmel l-appellant dwar il-fatt li l-ġudikant li ppronunzja s-sentenza appellata daħal fix-xena proċesswali piuttost tard, tant li sema xhud wieħed biss u li għalhekk ma setax jieħu qies tal-kriterji senjalati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, hija biss ta' importanza marġinali fiċ-ċirkostanzi tal-każ tenut kont tal-fatt li l-evidenza determinanti għall-finijiet ta' responsabilita' penali f'dan il-każ hija predominantement materjali. Tajjeb li jingħad, iżda, li fi kwalunkwe każ il-kriterji msemmija fl-artikolu ċitat ma jsirux għal kollox inutili meta xhud ma jkunx xehed quddiem il-ġudikant għaliex mid-depożizzjoni traskritta xorta l-ġudikant ikun jista' jasal għal ċerti konklużjonijiet dwar l-attitudini, l-komportament, il-preċiżjoni, l-konsistenza u l-affidabilita' tax-xhud bl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija. Naturalment, iżda, l-ġudikant irid dejjem jintraprendi l-eżerċizzju tal-apprezzament tax-xiehda b'kawtela billi jżomm dejjem quddiem għajnejh li x-xhud ma raħx jixhed.

**14.** Anqas hu korrett l-ilment tal-appellant li mill-provi jirriżulta li "... minn qari tas-sentenza jidher ċar li ... l-Ewwel Qorti, sempliċement skartat il-provi fil-proċess, u mingħajr ma ssostanzjat il-konklużjoni tagħha, għaddiet sabiex tiddikjara li kien hemm ħtija." Di fatti, wara li għamlet rassenja tax-xhieda mismugħa u tal-provi miġbura, l-ewwel Qorti għamlet analiżi fit-tul tal-kwistjonijiet legali relevanti għall-finijiet tal-apprezzament li kellha tagħmel u għaddiet sabiex tiffoka fuq dawk l-aspetti speċifiċi tal-provi li fil-fehma tagħha kienu determinanti għall-eżerċizzju li kienet msejħa tagħmel skont l - imputazzjonijiet rivolti lejn l-apellant fid-dawl tal-analiżi legali li kienet għadha kemm għamlet.

**15.** Di fatti l-Qorti identifikat fin-nuqqas tal-appellant li japplika għal u jistenna l-permess neċessarju għall-armar tal-crane kif ukoll fin-nuqqas ta' dawl adegwat mal-crane armat mill-appellant u ċirkostanzi oħra rilevati mill-Inġinier David Abela, bħala nuqqasijiet li fil-fehma tal-ewwel Qorti kienu jirrendu lill-appellant ħati ta' negliġenza grossolana. Fost dawn iċ-ċirkostanzi, apparti n-nuqqas ta' dawl adegwat, speċjalment tenut kont tal-ftit dawl li kien hemm fit-triq, irriteniet ukoll li kien hemm in-nuqqas ta' *concrete barrier* li jdawwar il-*crane* u li jipproteġi l-bażi tiegħu u l-fatt li t-tip ta' *crane* li ntuża kien ferm inqas stabbli minn *tower cranes* li jkollhom *a solid base*. Mela ma hux minnu li l-ewwel Qorti skartat il-provi fil-proċess u ma ssostanzjatx il-konklużjoni tagħha.

**16.** L-appellat jisħaq li "s-sempliċi inavvertenza ma hix biżżejjed biex tirradika r-responsabilita' kriminali, kif ukoll li s-sempliċi trasgressjoni tal-liġi lanqas ma hija biżżejjed għal dan l-iskop" u in sostenn ta' dan jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v Manwel Xerri"[1]. Huwa minnu li fis-sentenza ċitata l-Qorti għamlet l-osservazzjonijiet

[1] XXXVII.iv.1047

msemmija iżda li ma jgħidx l-appellant hu li l-Qorti ma waqfitx hemm iżda kompliet tgħid "Iżda, f'dan il-każ, kien hemm dak li fis-sistema ġuridiku Ingliż jissejjaħ ''recklessness''" u ssoktat billi għamlet riferenza għal dak li kkonstataw il-periti nominati li l-fattur ewlieni kien meqjus li kien in-nuqqas għal kollox ta' kull kawtela sabiex tiġi assigurata s-sigurta', f'dak il-każ, minn ħruq u splużżjoni, u waslet għall-konklużjoni li l-att tal-imputat kien att ta' "recklessness" li bih wera dak il-grad ta' nonkuranza għall-ħajja li bih inkorra f'responsabilita' kriminali għal dak li ġara. Ta' relevanza partikolari għall-każ ta' llum, il-Qorti fis-sentenza ċitata sostniet li l-imputat f'dik il-kawża, bħala l-inkwilin tar-razzett in kwistjoni, "kellu d-dmir li jikkonforma ruħu mal-liġi billi jitlob liċenzja, sabiex qabel xejn il-Pulizija tista' tiżgura li jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa" u li għalhekk kien hu li "ikkrea b'din ir-'recklessness' tiegħu, 'needlessly and incautiously' ... dak l-istat ta' fatt perikoluż" li minħabba fih ġara l-event fatali. Dan jattalja pienament għaċ-ċirkostanzi tal-każ ta' llum.

**17.** Peress li l-armar tal-crane kbir li l-appellant ried jarma fit-triq kien ser joħloq ostakolu fit-triq kien meħtieġ permess tal-Kunsill Lokali biex dan jintrama fit-triq iżda l-imputat naqas milli japplika għall-permess neċessarju li kien ikun fih il-kundizzjonijiet li taħtu jinħareġ il-permess liema kundizzjonijiet kienu jistgħu jaħsbu għas-sigurta' tat-traffiku li jgħaddi mit-triq u setgħet ukoll tiġi imposta kundizzjoni li l-crane jitneħħa minn fuq il-post wara nżul ix-xemx[2]. Minn dan kollu ma seta' jsir xejn u ma sar xejn għaliex l-imputat naqas milli jottjeni l-permess meħtieġ qabel rama' l-crane massiċċ li rama' u dan fi triq li hi kunsidrata bħala arterja prinċipali tat-traffiku[3]. Jirriżulta li l-imputat rama' l-crane fil-ġurnata tas-Sibt mingħajr ma ħa l-parir ta' ħadd dwar kif jarma l-crane u effettivament mar jipprova japplika għall-permess minn għand il-Kunsill

[2] Fol. 160
[3] Depożizzjoni Miriam Attard fol 157.

Lokali wara li kien diġa rama' l-crane fit-triq[4] u meta ma kellu ebda assikurazzjoni li l-Kunsill tal-lokalita' jiftaħ is-Sibt[5]. Meta sab il-Kunsill magħluq iddeċieda li jħallih hemm fit-triq sat-Tnejn ta' wara għaliex ried aktar żmien biex iżarmah milli biex jarmah meta skont il-liġi l-permess kellu jottjenih qabel ma jarmah.

**18.** Dan kollu juri spavalderija kbira lejn id-doveri tiegħu taħt il-liġi u indifferenza lejn l-interess tal-inkoluminita' tal-utenti tat-triq tant li pproċeda biex "ikkrea b'din ir-'recklessness' tiegħu, 'needlessly and incautiously' ... dak l-istat ta' fatt perikoluż" billi ostakola triq pubblika bi crane ta' daqs massiċċ. Ċertament ma hux suffiċjenti li l-imputat jara li l-crane huwa ċertifikat minn engineer bħala vettura li kienet konformi mar-regolamenti tat-traffiku u r-regolamenti dwar sigurezza tal-prodotti meta kien ser jarma l-crane fi triq pubblika traffikuża, u li għaldaqshekk kien obbligu tiegħu legali li qabel xejn jottjeni l-permess tal-awtoritajiet. Dan ma kienx każ ta' xi ostakolu inert li kien fit-triq bi dritt iżda kien każ ta' ostakolu li nħoloq volontarjament mill-appellant bi ksur deliberat ta' dak li tipprovdi l-liġi li saret proprju sabiex tevita inċident bħal dak li ġara.

**19.** Iċ-ċirkostanzi li jsemmi l-appellant bħall-fatt li t-triq kienet *one way,* kienet dritta u wiesgħa (li fil-fatt spiċċat ferm inqas wiesgħa bl-armar tal-crane fit-triq), li l-imputat kien ilu xhur jaħdem ġo fiha, ma kienu jnaqqsu xejn mill-obbligi tiegħu lejn l-utenti tat-triq. Anqas il-fatt li l-crane ntrama b'mod li ħalla spazju biżżejjed sabiex jgħaddi t-traffiku ma kien jeżentah mill-obbligu tiegħu skont il-liġi li qabel jarma l-crane jara li jakkwista l-permessi neċessarji minn għand l-awtoritajiet kompetenti sabiex dawn ikunu jistgħu jimponu dawk il-kondizzjonijiet li huma jidhrilhom neċessarja sabiex jiggarantixxu l-inkolumnita' tal-utenti tat-

[4] Xiehda imputat fol 277
[5] Fol 279

triq. Il-fatt jibqa' li triq hija ntiża għat-traffiku u mhux biex fiha jitqiegħdu strutturi li jostakolaw il-libera ċirkolazzjoni tat-traffiku u l-utenti tat-triq kellhom kull aspettativa leġittima li ma jiġux sorpresi b'ostakoli volontarjament maħluqa minn ħaddieħor fit-triq speċjalment matul il-lejl, f'inħawi fejn id-dawl jirriżulta li kien fqir kif anki jidher anki mir-ritratti esibiti[6], mingħajr dawl adegwat mal-istruttura tal-crane biex jassigura s-senjalazzjoni ċara tal-periklu, u mingħajr prekawzjonijiet oħra bħal reċint solidu madwar il-crane sabiex jipproteġi l-bażi ta' crane ta' dan it-tip, jew l-egħluq tat-triq għat-traffiku[7]. Il-perit nominat mill-Qorti l-Inġinier David Abela kkonstata li mas-siq ta' barra tal-crane kien hemm *hazard light* safra iżda fil-fehma esperta tiegħu, li din il-Qorti ma ssibx raġuni biżżejjed biex tiskarta, dak id-dawl ma kienx suffiċjenti biex jissenjala l-perikolu[8].

**20.** In kwantu l-appellant jikkontrasta l-fehmiet tal-perit tal-Qorti l-Inġinier David Abela ma' dawk tal-espert l-ieħor nominat mill-Qorti Joseph Zammit din il-Qorti tgħid bla tlaqliq li, wara li ħadet in kunsiderazzjoni l-provi kollha li rriżultaw, il-fehmiet tal-Inġinier David Abela huma dawk li jikkonvinċuha.

**21.** L-appellant isostni li ma jirriżultax li l-crane ma kienx armat skont l-arti u s-sengħa iżda l-Qorti ssostni li jirriżulta l-kuntrarju għaliex il-fatt li l-crane ġie armat fejn ġie armat bin-nuqqasijiet li ġia ġew rilevati huma suffiċjenti sabiex jiġi ritenut li fiċ-ċikostanzi tal-każ il-crane ma ġiex armat skont l-arti u s-sengħa.

---

[6] Ritratti MX 71 u MX 75 huma elokwenti biżżejjed; jidhru żewġ lampi tal-gvern, waħda ma' kull ħajt, iżda dawn qiegħdin f'distanza mill-post fejn kien armat il-crane. F'uħud mir-ritratti jidher aktar dawl milli f'oħrajn iżda fir-ritratti fejn jidher aktar dawl jidher li kienu waslu fuq il-post il-vetturi tas-servizzi tal-pulizija u/jew tas-salvataġġ li kellhom il-fanali ta' quddiem mixgħula (ritratt MX 89) u fuq waħda mill-vetturi kien hemm ukoll fanal kbir fuq in-naħa ta' wara (ritratt MX 90) waqt li f'ritratt ieħor jidher uffiċjal tal-pulizija jżomm lampa/fanal f'idejh (ritratt MX 60).

[7] Relazzjoni tal-perit tal-qorti l-Inġinier David Abela fol. 83-84

[8] Ibid fol. 83

**22.** L-appellant isostni wkoll li bil-*concrete barriers* jew mingħajrhom l-inċident xorta waħda kien iseħħ. L-imputat hu akkużat b'omiċidju involontarju u għalhekk "l-inċident" in kwistjoni ma hux sempliċement il-ħabta tal-vettura mal-crane tal-imputat iżda l-event tal-omiċidju involontarju. Mill-provi jirriżulta li l-kawża prossima tal-omicidju in kwistjoni kien il-fatt li l-crane, li ma kellux ikun fit-triq, sbilanċja u waqa' fuq il-vettura tal-vittma u għaffeġ lill-vittma taħtu li bħala konsegwenza tilef ħajtu u dan ġara meta l-vettura misjuqa mill-vittma ħabtet ma sieq il-crane li kienet tisporġi fit-triq. Fil-każ *de quo*, għalhekk, huwa ċar li l-mewt tas-sinistrat ġrat għaliex il-crane kien armat bil-mod kif kien armat fit-triq kontra l-liġi mingħajr il-permessi meħtieġa tal-awtoritajiet. Għalhekk l-apellant assolutament ma għandux raġun jargumenta li n-nuqqas ta' permess tal-crane ma kienx fattur determinanti.

**23.** L-appellant jgħid ukoll li l-akkadut ma kienx prevedibbli minnu. Iżda r-regolamenti pprevedew preċiżament event bħal dak li ġara u huwa għalhekk li pprovdew li qabel jintrama' l-crane fit-triq kellu jiġi ottenut il-permess tal-awtoritajiet sabiex ikunu jistgħu anki jiġu imposti dawk il-kundizzjonijiet li jkunu idoneji sabiex tiġi mħarsa l-inkolumnita' tal-utenti tat-triq. Dak li pprevedew ir-regolamenti kien ukoll prevedibbli mill-appellant iżda huwa deherlu li ma joqgħodx għal dak li ħadet ħsieb tipprovdi l-liġi sabiex jiġi evitat il-periklu u ċioe' li qabel jiġi armat il-crane jottjeni l-permess tal-awtoritajiet kompetenti.

**24.** L-appellant jinvoka wkoll in-negliġenza kontributorja tal-vittma. Hija ormai paċifika l-ġurisprudenza dwar l-effett tan-negliġenza kontributorja tal-vittma fuq ir-responsabilita' kriminali tal-imputat. In-negliġenza da parti tal-vittma ma twassalx għal xi forma ta' kompensazzjoni tal-ħtjiet b'mod li l-ħtija tal-vittma tannulla l-ħtija tal-imputat. Dan jista' jiġri fi proċeduri privati ċivili iżda ma hux ammissibbli fi proċeduri penali għalkemm in-negliġenza kontributorja tal-vittma tista'

tittieħed in konsiderazzjoni mill-ġudikant meta jiġi biex jikkalibra l-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija fl-imputat[9]. In-negliġenza ta' ħaddieħor ma teskludix in-negliġenza proprja sakemm ma tkunx deċiżiva tal-inċident[10] u ċioe', in relazzjoni għall-komportament tas-suġġett passiv tar-reat il-ħtija tas-suġġett attiv tista' tiġi eskluża biss fil-każ li l-ħtija tas-suġġett passiv tkun l-unika kawża esklusiva tal-akkadut altrimenti jekk il-ħtija tal-vittma tkun biss konkorrenti u kontributorja, ir-responsabilita' kriminali tas-suġġett attiv tar-reat tibqa' l-istess, salva, f'sede kriminali, il-miżura tal-piena[11]. Fil-każ odjern irriżulta li n-negliġenza li seta' kien hemm da parti tal-vittma ma kienetx il-kawża esklusiva tal-akkadut u għalhekk l-imputat jibqa' responsabbli kriminalment għal dak l-akkadut. Bdanakollu li kien hemm negliġenza da parti tal-vittma irriżultat ukoll u għalhekk din il-Qorti ser tieħu dan in kunsiderazzjoni meta tiġi biex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant dwar il-piena.

**25.** Dwar il-piena, apparti li kif ingħad jindika n-negliġenza kontributorja tas-sinistrat bħala raġuni għaliex għandha tiġi mitigata l-piena, l-appellant jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u ta' din il-Qorti li fihom ma ingħatatx piena karċerarja effettiva.

**26.** Din il-Qorti tirripeti li bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti[12].

---

9 Q App Kr. Inf. P v Joseph Muscat, 10/6/1994
10 Q App Kr Inf. P v Rev Carmelo Mifsud, 5/9/1953
11 Q App Kr Inf. P v Joseph Farrugia, 1/6/1963, XLVII.iv.1236
12 Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et, 2 ta' Ottubru 2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano, 13 ta' Novembru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella, 14 ta' Gunju 1999; Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Repubblika vs Aaron Cassar, 10 ta' Diċembru 2015

**27.** Il-Qorti tosserva li waħda mis-sentenzi ċitati kienet għal reat ta' offiża gravi involontarja u mhux għal omiċidju involontarju; id-data ta' sentenza oħra kienet żbaljata iżda din il-Qorti xorta rrintraċċjatha, waqt li l-isem tal-imputat f'sentenza oħra ċitata mid-difiża kien ukoll żbaljat iżda din il-Qorti xorta identifikat is-sentenza in kwistjoni. Iżda apparti dan, għandu jingħad li b'referenza għal sentenzi oħra din il-Qorti dejjem sostniet li l-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu u ma tagħmilx konfronti ma sentenzi li jkunu ingħataw f'każijiet oħra mhux relatati mal-każ tal-appellant[13]. Kull każ fih l-istorja tiegħu u l-fattispeċi partikolari tiegħu.

**28.** Fil-każ ta' llum l-appellant wera spavalderija kbira meta deliberatament naqas milli jottempra ruħu mar-regolamenti u rama' l-crane fit-triq mingħajr ma qabel ottjena l-permessi meħtieġa. Huwa veru li r-reat li tiegħu nstab ħati huwa wieħed involontarju iżda huwa veru wkoll li huwa volontarjament għażel li ma jottemprax mar-regolamenti li huma ntiżi proprju biex jiġu evitati inċidenti bħal dak li seħħ f'dan il-każ. Għalhekk il-gravita' tal-fatt u taċ-ċirkostanzi li fihom seħħ ma tistax tiġi minimizzata speċjalment meta l-konsegwenza kienet li persuna tilfet l-għeżeż ħaġa li għandha, u ċioe' ħajjitha. Il-Qorti ħadet ukoll nota tal-fatt li l-appellant instab ħati ta' reat minħabba li naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiġu evitati dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol. Il-ħarsien tar-regolamenti li jfittxu li jqiegħdu fiż-żgur il-ħajja u l-inkolumnita' tan-nies ma hux il-forte tal-appellant.

**29.** B'danakollu mis-sentenza appellata ma jirriżultax li l-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-neġliġenza kontributorja tas-sinistrat għall-finijet ta' piena. Inoltre l-proċeduri kontra l-appellant ħadu żmien konsiderevoli għalkemm l-appellant stess ikkontribwixxa għad-dewmien

---

[13] Ara fost oħrajn: App Sup. Rep v David Zerafa 15/9/2016

tal-istess. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li għandu jkun hemm temperament tal-piena iżda b'dan li l-piena għandha xorta waħda tibqa' tirrifletti l-gravita' tar-reat u taċ-ċirkostanzi li fih ġie kommess.

Għall-motivi premessi, l-Qorti tilqa' l-appell in parte u tirriforma s-sentenza appellata in kwantu għall-piena billi tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputat appellant Baskal Saliba għall-piena ta' sentejn priġungerija effettiva u minflok tikkundannah għall-piena ta' sena priġunerija effettiva u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur